MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 359/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Paul Vassallo)**
**(Spt. Neville Aquilina)**
**Vs**
**Manueli Catania**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar hames snin, b'diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,
1) approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor, is-somma ta' aktar minn erbgha mitt elf liri Maltin (LM400,000) a detriment tas-socjeta' tal-MUSEUM, liema somma kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu ili jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu

minnha specifikat u dan fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju, ai termini tal-artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 Ligijiet ta' Malta;
2) fl-istess data, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, wettaq kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta jew barra minn Malta w dan minghajr licenzja moghtija taht l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, w dan ai termini tal- artikolu 3 tal-Kap. 376 dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji, billi ghamel self ta' flus lil Kevin Zammit.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Novembru, 2008, li biha, l-Qorti ddikjarat lill-appellat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu w konsegwentement illiberatu mill-istess akkuzi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-4 ta' Dicembru, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat mhux hati tat-tieni akkuza kif migjuba kontra tieghu, filwaqt illi tirrevokaha w thassaraha f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-appellat mhux hati ta' l-ewwel akkuza w minflok issibu hati w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe':- li ghar-rigward tal-liberazzjoni tal-appellat mill-ewwel akkuza dedotta kontra tieghu kienu applikabbli l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali w skond il-gurisprudenza kienu jezistu l-elementi kollha rikjesti biex tirrizulta din l-imputazzjoni ta' approprjazzjoni indebita. L-appellat Catania irceva fondi tal-MUSEUM ai termini tal-artikolu 294 stante li kien segretarju generali tal-istess socjeta' w dan taht l-obbligi w

dmirijiet li ggib maghha l-kariga. Ghalhekk l-ewwel element tar-reat jirrizulta. Jirrizulta ukoll it-tieni element u cioe' li hu kellu l-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b' mod specifiku. Il-ksur tal-obbligu w d-dmirijiet marbuta mal-kariga ta' Ekonomu Generali huwa inkwadrat bhala element ta' dar-reat. Bis-semplici fatt li l-appellat silef il-flus tal-imsemmija socjeta', wara li l-Kumitat Ezekuttiv iddecieda li tali self m' ghandux isir, l-appellat ezercita atti ta' dominju fuq l-istess fondi li ma kienux kompatibbli ma l-ezercizzju tal-pozizzjoni tieghu fi hdan is-socjeta'. Jirrizulta ukoll it-tielet element u cioe' dak li jdawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor. F' dar-rigward l-apprezzament tal-Ewwel Qorti ma kienx korrett. Ghalkemm is-socjeta' tal-MUSEUM kienet kemm vittma kif ukoll beneficjarja li gawdiet mill-profitti maghmula b' dar-reat, il-persuna li primarjament gawdiet mill-azzjoni tal-appellat, kuntrarjament ghal dak ritenut mill-Ewwel Qorti, kienet Kevin Zammit. Dan minhabba li, bis-sahha tal-appellat, kellu bzzejjed flus kapitali sabiex jinvestihom fi zvilupp ta' proprjeta' w jgawdi mir-rizultanti profitt. Kien hemm ukoll beneficjarji ohra li gawdew. Kien ukoll prezenti l-element tad-*dolo* kif elaborat fil-gurisprudenza. Fil-kaz in ezami l-iskritturi li kienu saru bejn il-partijiet kienu skritturi privati w kien biss wara li l-Pulizija bdiet tinvestiga l-kaz, li sar att pubbliku bejn il-partijiet li fih Kevin Zammit kien obbliga ruhu formlment mas-socjeta' tal-MUSEUM li jrodd lura l-haga. B' hekk ir-riskju li l-appellat kien qed jitfa' fuq is-socjeta' li tiehu l-flus mislufa lura kien aktar vicin l-*"isperanza"* milli c-*"certezza*" u dan anki meta wiehed iqis il-valur konsiderevoli tal-ammont tal-flus mislufa.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-

Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "*inter alia"* l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**." [12.5.94]; "**ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** " [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**" [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u ohrajn .

"Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza **"R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (1991) , p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt",** deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta ……, il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament ".*

Illi gie dejjem ritenut li dan il-principju ghandu japplika ugwalment ukoll meta l-appell ikun qed isir mill-parti offiza jew mill-Avukat Generali.

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' nuqqas ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellat.

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti :-

Proprjament dawn il-proceduri ma originawx minn xi kwerela jew rapport tas-Socjeta' MUSEUM, li setghet sofriet pregudizzju bl-agir tal-appella, izda minn investigazzjoni li l-entita' inkarigata mill-investigazzjoni ta' reati ta' *Money Laundering* kienet qed taghmel fil-konfront ta' certu Kevin Zammit minhabba transazzjonijiet qawwija ta' flus li kien qed jaghmel bla gustifikazzjoni. Fil-kors ta' din l-investigazzjoni, rrizulta li kienu jidhru trasferimenti ta' ammonti kbar ta' flus mill-kontijiet tas-socjeta' religjuza MUSEUM ghall-kont ta' dan Zammit u *vice versa*.

Meta l-Pulizija baghtu ghall-appellat, li dak iz-zmien kien l-Ekonomu tal-MUSEUM u interrogawh, dan irrilaxxja zewg stqarrijiet fejn mill-ewwel ammetta li kien silef ammonti ta' flus konsiderevoli lil Kevin Zammit minn flus li kienu tas-socjeta' u li kienu jaqghu taht l-amministrazzjoni tieghu.

Dan kien ghamlu biex jottjeni rata t' imghax oghola minn dik li seta' jottjeni mill-banek lokali dak iz-zmien u b' hekk jivvantaggja lil MUSEUM u fl-istess hin jghin lil Zammit li kien sar habib tieghu fil-kors ta' mawra tal-missjoni fil-Kenja ftit taz-zmien qabel.

Irrizulta ukoll *ex admissis* li l-appellat kien ghamel l-ewwel self ta' cirka LM50,000 minghajr ma qal lil hadd mid-dirigenti tal-Musuem. Wara pero' hass li kellu jkellem lil Joseph Abdilla, President tal-Kunsill Ezekuttiv tal-MUSEUM dwar dan is-self. Abdilla ghall-ewwel qallu li kollox sew basta kien jaf x' kien qed jaghmel, izda wara meta sar it-tieni self rega' bdielu u qallu li ahjar jottjenu l-approvazzjoni formali tal-Kunsill. Il-Kunsill pero' ma approvax li jsir self ulterjuri ta' din ix-xorta lil Zammit. B' dana kollu l-appellat kompla jislef lil Zammit tant li fl-ahhar l-ammont totali misluf qabez l-LM400,000. Dawn il-partiti ripetuti ta' self kienu jsiru bi speci ta' skritturi li pero' Zammit qal li ma kellux kopji taghhom w li l-appellat qatt ma esebixxa fl-atti ta' dan il-process.

Meta il-Pulizija, wara li interrogaw lill-appellat, kelmu lid-dirigenti tal-MUSEUM, dawn minnufieh hadu passi biex jissalvagwardaw il-pozizzjoni tas-Socjeta' billi dahlu f' zewg kuntratti notarili in atti Nutar Dottor Pierre Falzon tas-26 u 27 ta' Jannar, 2004, rispettivament, fejn Kevin Zammit ikkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur tas-Socjeta' tal-MUSEUM fl-ammont bilancjali dak iz-zmien minnu dovut ta' LM370,000 u fejn dan ipoteka beni immobbli tieghu bhala garanzija tar-restituzzjoni tal-imsemmi self u fejn -fit-tieni kuntratt - il-genituri ta' dan Kevin Zammit ukoll dahlu bhala garanti solidali min binhom ghall-istess obbligazzjoni bl-ipoteka ta' beni taghhom ukoll.

Illi rrizulta li l-appellat kien effettivament iddedika hajtu kollha ghal-MUSEUM li kien dahal fih minn eta' zghira hafna. Meta beda jahdem ta' *teacher* u sakemm hareg bil-pensjoni kien ipoggi kull ma jaqla' fil-kontijiet bankarji tal-MUSEUM u skondhu spicca pogga hemm madwar LM140,000 tul hajtu kemm mis-salarju li kien igemma' kif ukoll minn xi fondi provenjenti minn wirt u minn xi

senserija li kulltant kien jaghmel. Kien izomm biss xi haga zghira hafna ghall-bzonnijiet tieghu. Kien ukoll habrek kemm felah biex isahhah il-fondi tal-MUSEUM billi beda b' librereija zghira fin-Naxxar li bis-snin espandiet u kibret u giet trasferita ghad-dar centrali fil-Blata l-Bajda w li kienet tirrendi dhul sostanzjali ghas-socjeta' tal-MUSEUM. Sahansitra sa mill-1986, hu kien ukoll ghamel testment pubbliku in atti Nutar Dottor Tonio Spiteri fejn innomina w istitwixxa bhala unika eredi universali w proprjetarja assoluta ta' gidu ***"s-Socjeta' tad-Dutrina Kristjana, vulgo "MUSEUM", sezzjoni maskili."*** (fols. 107-109). Dan it-testment kien ghadu *in vigore* zgur sat-23 a' Novembru, 2005 (data tar-ricerka tat-testment pubblici - fol. 105)

Umbaghad diversi xhieda, membri tas-Socjeta', ccertifikaw li l-appellat dejjem hadem fl-interess tas-socjeta' w kien strumentali biex igib l-assi taghha 'l quddiem u jkattarhom. Tant li meta sar il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu (fols. 59 sa 62) fuq imsemmi ma Kevin Zammit, hassew li kellhom jippremettu li :-

*"Illi Emmanuel Catania hu l-Ekonomu tal-Kreditrici. Illi huwa silef brevi manu* ***<u>in buona fede</u>*** *lid-Debitur is-somma ta' tlitt mija w sebghin elf lira maltin (LM370,000)……mill-flus tal-Kreditici minghajr ma segwa l-procedura stabilita fl-Istatut tal-Kreditrici ghal transazzjoni ta' din ix-xorta, li jirrikjedi, inter alia, l-approvazzjoni minn qabel tal-Kunsill Ezekuttiv Generali."* (emfasi w sottolinear ta' din il-Qorti.).

Meta xehed dwar din id-dikjarazzjoni l-President tal-Kunsill Generali, **Joseph Abdilla** spjega (Fol. 56) :-

*"Hassejna li kellna nnizzlu din il-frazi ghaliex ahna konna w ghadna konvinti illi anki jekk stess l-imputat ghamel xi zball, dan l-izball ghamlu assolutament in buona fede u ghax jien nemmen li kien qed jaghmel xi haga ghall-gwadann tas-socjeta' u mhux tieghu personali."*

Irrizulta ukoll mix-xiehda tal-appellat li peress li hu kien ilu jpoggi tant mill-flus personali tieghu fil-kontijiet tas-Socjeta'

, kien iqis li kien fl-istess hin qed jamministra flusu ukoll ghalkemm dawn kienu fil-fatt dahlu fil-kontijiet tas-socjeta'. Mill-banda l-ohra ebda wahda minn dawn il-partiti sostanzjali ta' self ma kienu dehru fil-kontijiet ossia l-*accounts* tas-Socjeta' li kienu jsiru minn sena ghal sena. L-appellat, in kontro-ezami (Fol. 103) stqarr :-

*"Taghtini tort Sinjura* (il-Magistrat Audrey Demicoli*) jiena illi meta qaluli li jekk trid taghmel bil-flus tieghek, ghamel li trid, jiena lanqas biss gieni f' mohhi li qed niehu minn tas-socjeta' imma kont qed nahseb li qed inhaddem il-flus tieghi personali ghall-gid tas-socjeta'.* ***Dak huwa zball tieghi. Nammettieh, ammettejtu dak in-nhar u nibqa' nammettih illum****."* (sottolinear u emfasi tal-Qorti)

Ikkonsidrat;

Illi fil-kors tat-trattazzjoni orali (li tinsab traskritta) l-ufficjal prosekutur, l-Ispettur Paul Vassallo, (fol. 137 et seq.) kien iddikjara li l-Prosekuzzjoni ma kienetx qed tqis is-self tal-ewwel partiti bhala appropriazzjoni indebita, izda meta umbaghad il-Kunsill kien iddecieda li l-flus ma jisselfux u l-appellat xorta wahda baqa' jsellef flus lil Zammit bla ma nforma lil hadd u bla ma dahhal dawn il-flejjes fl-*account*s tas-Socjeta', hu kien hati tar-reat *de quo*. Anki jekk ma ghamilx xi gwadann hu personali w jekk kien mahsub li s-Socjeta' kienet ser tibbenefika minn imghax oghla minn das-self, zgur ukoll li Kevin Zammit kien ser jibbenefika minn das-self bla ebda irbit jew garanzija kwalsiasi biex jaghmel gwadann fuq il-progetti edilizji li kellu. Zgur li ma setax jottjeni self tant gholi bla ebda garanzija minn xi bank jew istituzzjoni finanzjarja w dan kien zgur ta' gwadann ghal Zammit jekk ma kienx ghall-appellat innifsu.

Din il-Qorti taqbel perfettament ma dan kif ukoll mas-sottomissjonijiet dettaljati maghmula mill-appellant Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu. Kienu x' kienu l-motivi w l-intenzjonijiet tal-appellat, jibqa' l-fatt li hu kien qed jaghmel uzu divers mill-fondi li kienu gew fdati lilu bhala Ekonomu tas-Socjeta' tal-MUSEUM u mar espressament kontra l-ordni w id-decizjoni tal-oghla awtorita' tal-istess

Socjeta' meta ghamel dan. Anki jekk kien *in buone fede* u dan ghamlu b' intenzjoni tajba, dan hu proprju kaz fejn "*the road to hell is paved with good intentions!*" Anki jekk ma tul is-snin kien ivversa hafna flus tieghu personali fil-kontijiet bankarji tas-Socjeta', dan jigi li kien ghamlu b' donazzjoni w dawn ikunu saru proprjeta' tas-Socjeta' w ma jistax umbaghad iqieshom mill-gdid bhala tieghu w jiddisponi minnhom kif ifettillu ghax kienu jaqghu taht id-dominju tieghu bhala Ekonomu tas-socjeta'. Kienet proprju din ic-cirkostanza, fejn l-approprijazzjoni indebita saret fuq flus fdati jew ikkunsinnati lill-appellat minnhabba **l-"amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu"**, li l-Pulizija setghet tipprocedi, kif ipprocediet kontra tieghu *"ex officio*" skond l-artikolu 294 tal-Kodici Kriminali. Hu kellu jaghmel uzu specifikat minn dawn il-fondi tas-socjeta' u cioe' li jiddepozithom go bank bl-ahjar imghax li seta' jottjeni dak iz-zmien u jhallihom hemm u mhux jirriskjhom f' self mhux kawtelat u garantit b' ipoteki specjali.

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza: **"Il-Pulizija vs. Anthony Mary Bajada"** [1.3.1952] :-

*"id-delitt tal-approprjazzjoni indebita jigi kkunsmat malli dak li jkun jaghmel atti ta' dominju fuq il-haga bil-volonta' li jezercita dominju fuqha; u dan ikun ippruvat meta c-cirkostanzi u l-atti jkunu verament tali li univokament juru l-intenzjoni ta' l-approprjazzjoni, billi fihom infushom m'humiex kompatibbli mal-kawza u t-titolu tieghu tad-detenzjoni ta' dik il-haga."*

Illi anki jekk jigi accettat li s-socjeta' tal-MUSEUM setghet potenzjalment kienet ser tibbenefika mill-agir tal-appellat ghax forsi kienet ser tippercepixxi imghax b' rata oghla, sa certu punt kienet ukoll zvantaggjata ghax l-appellat irrinunzja ghas-serhan tal-mohh u s-sigurta' naxxenti minn depozitu bankarju tal-fondi f' bank sod u stabilit u minnflok iddevja l-flus ghall-investiment edilizju li ma gie garantit b' ebda mod, kontra kull prassi ta' ghaqal u prudenza, apparti kull prassi legali addottata f' kaz ta' self ta' ammonti konsiderevoli simili ghal dawk mislufa mill-appellat. Il-fatti taw prova ta' dan ghax umbaghad meta id-dirigenti tas-socjeta' MUSEUM indunaw x' kien qed

jaghmel l-appellat, kellhom jirrikorru tempestivament ghal dak li jissejjah "*damage control exercise"* li bih per mezz taz-zewg atti notarili fuq imsemmija, ottjenew kostituzzjoni ta' debitu, b' imghax specifikat u bl-obbligu tar-restituzzjoni w hlas tal-imghax garantit b' ipoteki specjali fuq beni immobiljari w b' garanti solidali tal-genituri tad-debitur. B' dana kollu, xorta kien baqa' bilanc sostanzjali ta' LM370,000 li r-restituzzjoni tieghu kienet ghadha, sa certu punt, incerta w bazata fuq speranza tar-restituzzjoni.

F' dal-kontest, hu rilevanti ferm dak li intqal minn din il-Qorti fis-sentenza **: "Il-Pulizija vs. Raymond Falzon"** [17.4.1998] u cioe' li :-

*"Huwa veru li certi awturi…….jikkunsidraw l-intenzjoni li wiehed jirrestitwixxi l-oggett tinnewtralizza l-iskop ta' qliegh jew profitt bi pregudizzju tal-vittma (profitt li, del resto, ma hemmx ghalfejn ikun wiehed pekunjarju). Tali intenzjoni, izda, irid ikollha bhala fundament ic-certezza tar-restituzzjoni u mhux tkun semplicement ibbazata fuq **l-isperanza** ta' eventwali restituzzjoni , tali intenzjoni fil-parti l-kbira tal-kazijiet timmanifesta ruhha fir-**restituzzjoni effettiva u immedjata."*** (sottolinear u emfasi ta' din il-Qorti)

Pero' f' dan il-kaz zgur li ma setghetx issehh din ir-restituzzjoni effettiva w immedjata ghax din kienet tiddependi mill-hlas lura tas-self da parti ta' Kevin Zammit li ovvjament ma kienx f' pozizzjoni li jaghmel dan qabel ma jbiegh jew jillikwida proprjeta' li kellu - jekk stess din kienet bizzejjed biex taghmel tajjeb ghall-ammonti ingenti lilu mislufa abuzament mill-appellat.

Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti ma kienx wiehed legalment u ragjonevolment korrett fic-cirkostanzi w l-htija tal-ewwel imputazzjoni kellha tirrizulta manifestament pruvata.

Il-konsiderazzjonijiet l-ohra kollha li ghamlet l-Ewwel Qorti jistghu ghal-massimu jwasslu ghall-temperament qawwi fil-piena w okkorrendo anki ghal xi provvediment iehor bhal sentenza ta' prigunerija sospiza jew ta' xi

provvediment skond il-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, imma mhux ghall-liberazzjoni minn din l-imputazzjoni.

Illi ma hemmx appell mill-liberazzjoni tal-appellat mit-tieni imputazzjoni.

Illi dwar il-piena, din il-Qorti qieset il-kondotta incensurata tal-appellat apparti *"parking offence"* li tirrisali ghall-hamsa w tletin sena ilu. Qieset l-eta' ferm avvanzata tieghu. Qieset ix-xoghol u l-hidma tieghu mifruxa fuq hajtu kollha favur is-Socjeta' tal-MUSEUM, li tant irreka gid - anki gid finanzjarju - ghall istess-socjeta'. Qieset li sahansitra s-Socjeta' giet nominata bhala eredi universali tal-appellat wara mewtu skond it-testment esebit, li l-istess Socjeta' ma hassitx il-htiega li tipprocedi kontra l-appellat bi kwerela w sahansitra id-dirigenti l-ohra, wara li skoprew x' kien ghamel, attribwewlu l-"*buona fede"* f' dak li kien ghamel u c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ghalhekk, tara li mhux il-kaz li ghandha tapplika xi piena karcerarja, la effetiva w lanqas sospiza. Izda ikun aktar xieraq u opportun li tapplika provvediment ta' liberazzjoni kondizzjonata skond l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn illiberat lill-appellat mit-tieni imputazzjoni w tirrevokaha fejn ukoll illiberatu mill-ewwel imputazzjoni w minnflok, wara li rat l-artikoli 18, 293, 294, 310 u 31 tal-Kodici Kriminali w l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ssibu hati tal-istess u, minhabba c-cirkostanzi specjali partikolari w attenwanti ta' dan il-kaz, tillibera lill-appellat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt snin mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------